MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 154/2014

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, illi permezz tieghu wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fis-26 ta' Mejju 1995, fil-Kappella tal-Qalb ta' Gesu, gewwa H'Zebbug Dokument A hawn anness, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt ulied minuri Neil u Kristina li t-tnejn ghadhom minuri;

Illi l-partijiet ilhom hames snin u nofs legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dr Nicholas Vella datat 7 ta' Ottubru 2008, li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness u mmarkat Dokument B;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazjzoni bejniethom, stante illi minbarra li  ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra l-esponenti ilu f'relazzjoni dejjiema ma mara ohra li minnha ghandhom tifel li llum ghandu 4 snin;

Illi ma hemm ebda manteniment dovut mill-partijiet lil xulxin kif indikat fl-anness kuntratt ta' separazzjoni billi l-partijiet kienu permezz tal-istess att irrinunzjaw ghal kull dritt ta' manteniment wiehed kontra l-ohra u vice versa kif hekk imsemmi fit-tielet paragrafu tal-imsemmi kuntratt;

Illi in oltre fl-istess kuntratt il-partijiet ftehmu fil-paragrafu G tal-istess illi t-trasferiment li r-ragel ghamel versu l-mara tieghu ta' nofs indiviz kemm tad-dar konjugali kif ukoll tal-investimenti fil-Malta Stock Exchange kienu rcevuti mill-mara in piena sodisfazzjon u ghas-saldu totali tal-obbligi u ta' manteniment  dovut mir-ragel ghall-mara u **ghall-ulied**;

Illi l-uniku obbligu li l-esponenti ghandu versu l-mara in konnessjoni ma hlas lilha fl-interess tal-ulied minuri huwa "li jhallas nofs l-ispejjez straordinarji konnessi mas-sahha tal-ulied u dan limitatament ghall-interventi kirurgici u kif ukoll nofs l-ispejjez konnessi mal-edukazzjoni tal-ulied u limitament fir-rigward tal-ispejjez tal-uniformijiet, transport, kotba u d-donazzjonijiet tal-iskola tal-Knisja u dan wara li l-mara tipprovdi lir-ragel l-ircevuti jew l-invoices relattivi.  Salv ghal dak li diga ntqal, kull parti tkun responsabbli ghall-ispejjez ohra minnha inkorsi  meta l-ulied minuri jkunu maghha – paragrafu 9 tal-kuntratt dokument B;

Illi mid-data tal-pubblikazzjoni tal-att ta’ separazzjoni sal-lum l-esponenti dejjem hallas puntwalment dawn l-ispejjez u qatt ma kien hemm xi litigju dwar xi nuqqas li hekk jaghmel da parti tal-mara, intimata;

Illi l-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab in vista tal-premess sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex dan il-hall jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digrieti taghha tal-5 ta’ Gunju, 2014 u tal-1 ta’ Awissu, 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimata debitament notifikata, ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta’ Ottubru 2008 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni beniethom;

Illi l-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------